# Prim' Awla tal-Qorti Ċivili

**Imħallef**
**Onor. Robert G. Mangion**

**Seduta tal-15 ta' Diċembru, 2022**

**Kawża Numru: 7**

**Rik. Ġur. nru. 1049/2018 RGM**

**Frans Deguara u martu Antoinette Deguara**

**vs.**

**Simon Grech**

**Il-Qorti:**

Din hija sentenza dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut li permezz tagħhom eċċepixxa (i) li ma hemmx relazzjoni ġuridika bejn l-atturi u l-konvenut; (ii) illi l-konvenut ma hux il-leġittimu kontradittur; u (iii) illi l-atturi ma setgħux jiftħu l-kawża kontra l-konvenuit peress li dejjem ikkuntratta direttament ma' binthom iżda qatt magħhom.

**Preliminari.**

Rat ir-**rikors ġuramentat ta' Frans u Antoinette Deguara (l-Atturi)** ippreżentat fl-24 t' Marzu, 2020 li permezz tiegħu ippremettew u talbu s-segwenti:

1. Illi fis-16 ta' Settembru 2014 ir-rikorrent inkariga lil-'Vairni Services' ta' 197, Vairni Services, Triq Karmnu, Fgura sabiex jaghmlu xogholijiet ta' plumbing u elettriku fil-proprjeta taghhom u cioe' il-'*guesthouse*' bin-numru 237, St Paul Street, Valletta, illum imsejjha '*Paulos Valletta*';

2. Illi x-xogholijiet kollha skond il-'quotation' datata 16 ta' Settembru 2014 kienu jammontaw ghal €19.828.24,

3. Illi l-istess 'Vairni Services' inkarigat lill-konvenut Simon Grech sabiex jaghmel parti minn dawn ix-xogholijiet li kienu jikkonsistu fis-sistema tad-drenagg, plumbing u elettriku; Illi x-xoghol ezegwit mill-konvenut ma sarx minnu skond kif titlob is-sengha u l-arti u dan kif iccertifika l-Ing Christopher Sammut kif ukoll diversi persuni ohrajn li kellhom jitqabbdu mir-rikorrenti sabiex jaghmlu xoghlijiet rimedjali ;

4. Illi ukoll minhabba x-xogholijiet li ma sarux skond is-sengha u l-arti, l-esponenti kellhom hsarat li kkagunaw danni sostanzjali lilhom kif ukoll lill-terzi, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

5. Illi l-esponenti interpellaw lill-konvenut permezz ta' ittra ufficjali f'Jannar tas-sena 2018 sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni, izda l-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza ;

6. Illi iktar minn hekk, il-konvenut ippresenta ittra uffijcali 166A kontra t-tifla tar-rikorrenti Maria Deguara sabiex thallas hi l-bilanc dovut ghax-xogholijiet li ma sarux skond is-sengha u l-arti u li kkawzaw danni sostanzjali lill-esponenti; Illi r-rikorrenti spiccaw kellhom ihallsu s-somma addizzjonali ta' €8,400 minhabba mandat ta' qbid li ppresenta l-intimat ;

7. Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi x-xogholijiet fis-sistema tad-drenagg, plumbing u elettriku li ezegwixxa l-konvenut Simon Grech fil-*'guesthouse'* bin-numru 237, St Paul Street, Valletta, illum imsejha 'Paulos Valletta', ma sarux skond is-sengha u l-arti u saru hazin;

2. Tiddikjara illi l-esponenti sofrew danni sostanzjali bhala konsegwenza ta' l-ezekuzzjoni ta' l-istess xogholijiet ta' plumbing u elettriku li ma sarux skont is-sengha u l-arti;

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-esponenti dik is-somma in linea ta' danni kif likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta'l-ittra interpellatorja ta' 9 ta' Jannar 2018, u bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali imsemmija kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-r**isposta ġuramentata ta' Simon Grech (il-Konvenut)** ippreżentata fil-15 t'April, 2019 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi, preliminarjament, l-atturi m'għandhom ebda relazzjoni ġuridika mal-konvenut u għaldaqstant ma huwiex il-leġittimu kuntradittur stante li anke b'ammissjoni tal-istess atturi, u dan salv impreġudikat għal dak li ser jingħad aktar l-isfel fuq din ir-risposta, kienu ikkuntrattaw ma 'Vairni Services' sabiex jesegwu ix-xogħolijiet u għaldaqstant semmai huma

'Vairni Services' u mhux il-konvenut odjern li għandu jwieġeb għal din il-kawża;

2. Illi, preliminarjament ukoll, lanqas ma huwa l-attur leġittimu kuntradittu fil-konfront tal-konvenut stante li l-konvenut dejjem ftiehem u ħa ordnijiet minn bint l-attur, Maria Deguara, li dejjem tkellmet f'isimha u aġixxiet f'isimha. L-atturi Frans Deguara u martu Antoinette Deguara qatt ma dehru imkien;

3. Illi, fil-mertu ukoll, it-talbiet tal-atturi huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Illi fil-mertu , l-azjenda ma jisimhiex 'Paulos Valletta' kif allegaw l-atturi fir-rikors promotur tagħhom izd "Paolos Boutique Hotel', kif anke l-inginier minnhom inkarigat jirreferi għaliha;

5. Illi, l-konvenut tħallas tax-xogħol minnu esegwit u dan in segwitu ta' ittra uffiċjali 166A li ġġib in-numru **812/2017**, reża eżekuttiva fil-**29.05.2017**, liema titolu eżekuttiv ġie oppost permezz ta' rikors ta' Maria Deguara li ġġib in-nurmu **320/2017FDP** ippreżentat fil-**23.10.2017**, li ġiet deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati fil-**01.02.2018**, u sussegwentement Maria Deguara appellat din id-deċiżjoni fil-**08.02.2018**, liema deċiżjoni tal-appell ċaħdet l-appell fit-**02.07.2018**, billi kkonfermat id-deċiżjoni tal-Ewwel istanza fl-intier tagħha;

6. Illi, l-konvenut Simon Grech tħallas biss pero` meta inforza d-deċiżjoni hawn suriferita permezz ta' Mandat ta' Qbid fuq l-azjenda kummerċjali Paolos Boutique Hotel, liema mandat iġib in-numru **1806/2017** (peress li l-Mandat ta' Sekwestru **963/17** maħruġ fl-istess ismijiet baqa' ma ġiex sodisfatt) u li dwaru għad baqa' bilanċ ta' spejjeż ammontanti għal **elf seba' mija u disa' Ewro u tmin ċenteżmi (€1,709.08)** li għadhom ma tħallsux minn Maria Deguara a saldu tal-ispejjeż tal-vertenza stante li

anke dawn l-partijiet qegħdin jagħmlu minn kollox sabiex jopponuhom u jtellfu il-konvenut odjern minn dak li huwa d-dritt tiegħu li jitħallas;

7. Illi, mingħajr preġudizzju u subordinatament għas-suespost ir-rapport tal-inġinier ma joħloqx stat fil-konfront tal-konvenut u dana peress li, dejjem skond, l-istess inġinier irrikorra fuq il-post u ikkostata dak li sab wara li kien ħadem il-konvenut u dawk il-ħaddiema l-oħra li allegatament ġab l-attur sabiex jirranġa difetti fix-xogħol;

8. Illi, fit-tieni lok, dan huwa rapport ta' xhud *ex parte* li huwa miżgħud b'konġetturi, diċeriji, hearsay u assunzjonijiet u għaldaqstant dan ir-rapport għandu jiġi sfilzat mill-atti proċesswali u semmai jitqabbad espert tal-Qorti abiex jirrelata dwar il-fatti;

9. Illi, Simon Grech ġie imwaqqaf milli jispiċċa mix-xogħol tiegħu kif imqabbad minn Maria Deguara meta kien wasal lejn l-aħħar tal-inkarigu u dan biex tipprova taħrab mill-obbligazzjonijiet tagħha li tħallas lill-konvenut u għaldaqstant ma jistgħax jingħad li l-konvenut ma wettaqx ix-xogħol lilu ikkummissjonat skond is-sengħa u l-arti jekk kien għadu ma temmx l-inkarigu tiegħu;

10. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur ma wettaq ebda xogħolijiet li ma kienux diretti minn Maria Deguara u kif ridithom Maria Degura u dan kif ser jiġi muri ampjament waqt il-kors tat-trattazzjoni ta' din il-kawża;

11. Illi,mingħajr preġudizzju u subordinatament għas-suespost, il-konvenut fejn laħaq spiċċa porzjonijiet ta' xogħol lilu ikkumissjonati minn Maria Deguara, dawn kienu kolha in konformita` mas-sengħa w l-arti li titlob il-professjoni tiegħu u dan kif jista' jirriżulta fil-kors tat-trattazzjoni ta' din il-kawża;

12. Illi, in kwantu jirrigwarda l-ilment tal-attur fir-rigward tal-eżitu ta' proċeduri ġudizzjarji leġġittimament konklużi wara dewmien eżaġerat

inutili u preżentazzjoni ta' azzjonijiet frivoli u vessatorjiu, ma jistgħu jirreklamaw ebda danni fir-rigward stante li spejjeż ġudizzjali u kanonizzazjoni ta' krediti ma jistgħu qatt jiġu likwidati bħala danni filwaqt li ma jagħmlu ebda stat ta' fatt fil-konfront tal-atturi odjerni.

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Mejju 2019 li permezz tiegħu ordnat li jiġu trattati u deċiżi l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenut;

Rat il-provi imressqa mill-partijiet dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut ippreżentata fl-10 ta' Marzu 2022[1] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi ppreżentata fit-30 ta' Marzu 2022[2];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti tal-kawża;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni Attriċi u l-Ewwel Żewġ Eċċezzjonijiet**.

1. L-atturi jippremettu illi fis-sena 2014 kienu inkarigaw lid-ditta *Vairni Services* sabiex teżegwixxi diversi xogħolijiet fil-fond tagħhom 237, Triq San Pawl, Valletta (**il-Fond**) bħala parti mill-konverzjoni tal-fond f'guesthouse.[3] Jippremettu illi d-ditta "Vairni Services" ħarġet 'quotation' datata 16 ta' Settembru 2014 li ġiet minnhom aċċettata u li d-ditta Viarni Services "inkarigat lill-konvenut Simon Grech sabiex

[1] Paġna 218 et seq tal-proċess.
[2] Paġna 225 et seq tal-proċess.
[3] Ara kopja ta' 'quotation' f'paġna 5 tal-proċess

jagħmel parti minn dawn ix-xogħolijiet li kienu jikkonsistu fis-sistema tad-drenaġġ, plumbing u elettriku."

2. L-atturi jippremettu wkoll li x-xogħol li sar mill-konvenut ma kienx skont is-sengħa u l-arti b'konsegwenza li ġie kkaġunat ħsara lilhom u lil terzi. Kien għalhekk li b'ittra tad-9 ta' Jannar 2018 interpellaw lill-konvenut sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni. Il-ħlas baqa' ma sarx u għalhekk li ġiet intavolata l-azzjoni odjerna kontra l-konvenut għad-danni.

3. B'mod preliminari il-konvenut ressaq żewġ eċċezzjonijiet. L-ewwel illi ma hemmx relazzjoni ġuridika bejn l-atturi u l-konvenut u li l-konvenut ma hux il-leġittimu kontradittur; it-tieni li l-atturi ma setgħux jiftħu kawża kontra l-konvenut peress li dejjem ikkontratta ma' binthom Maria Deguara iżda qatt magħhom.

**Eċċezzjoni ta Nuqqas ta' Relazzjoni Ġuridika bejn l-Atturi u l-Konvenut**

4. Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu il-konvenut jeċċepixxi illi ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejnu u bejn l-atturi. Jeċċepixxi illi "l-konvenut dejjem ftiehem u ħa ordnijiet minn bint l-atturi, Maria Deguara, li dejjem tkellmet f'isimha u aġixxiet f'isimha. L-atturi Frans Deguara u martu Antoinette Deguara qatt ma dehru imkien." Fi kliem ieħor din il-linja ta' difiża tal-konvenut hi fis-sens illi għalkemm huwa minnu li x-xogħol lamentat mill-attur eżegwih hu, dak ix-xogħol ma ġiex ordnat mill-atturi imma minn binthom Maria Deguara u għalhekk ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn l-atturi u l-konvenut.

5. L-atturi jsejsu l-azzjoni tagħhom fuq il-premessa illi huma inkarigaw lid-ditta Vairni Services li min-naħa tagħha inkarigat lill-konvenut. Fi kliem ieħor skond il-premessi tal-istess atturi huma ħarku lill-konvenut għaliex isostnu li bħala sub-appaltatur tax-xogħol li huma taw lid-ditta Vairni Services, ix-xogħol minnu magħmul fil-fond tagħhom ma sarx

skond l-arti u s-sengħa bil-konsegwenza li sofrew danni. Jippretendu għalhekk illi għandhom dritt iħarku lill-konvenut sabiex jagħmel tajjeb għal dawn id-danni allegatament minnhom sofferti.

6. Dan huwa kif ġiet arġinata l-kawża odjerna mill-atturi. Rinfaċjati bl-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet, huwa l-oneru fuq l-atturi illi jippruvaw dak minnhom premess u allegat u cioe' li l-ewwel huma taw appalt lid-ditta imsemmija li min-naħa tagħha għamlet sub-appalt mal-konvenut. Testwalment l-ewwel premessa: "Illi fis-16 ta' Settembru 2014 ir-rikorrent inkariga lil 'Vairni Services' ..... sabiex jagħmlu xogħolijiet ta' ..........."; filwaqt li t-tielet premessa taqra kif ġej: "Illi l-istess Vairni Services inkarigat lill-konvenut Simon Grech sabiex jaghmel parti minn dawn ix-xogħolijiet..."

**Appalt jew Sub-Appalt?**

7. Jeħtieġ għalhekk li qabel xejn jiġi kkunsidrat jekk ix-xogħol li eżegwixxa l-konvenut fil-fond tal-atturi sarx mill-konvenut bħala sub-appalt fuq inkarigu ta' ditta terza inkarigata mill-atturi, kif jallegaw l-atturi; jew inkella jekk sarx mill-konvenut fuq inkarigu ta' Maria Deguara, bint l-atturi, kif jallega l-konvenut.

8. Il-Qorti tosserva illi fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom l-atturi bidlu l-posizzjoni inizjali tagħhom fir-rigward għaliex issa qed isostnu illi kienu huma li taw l-appalt direttament lill-konvenut u mhux tramite d-ditta Vairni Services bħala sub-appaltant. Il-konsegwenza ta' dan l-ispostament ta' posizzjoni tal-atturi fil-mori tal-kawża ser tiġu kkunsidrata aktar 'l isfel. Jingħad biss f'dan l-istadju illi huwa miżmum bħala prinċipju ġenerali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri. Normalment, b'dan wieħed jifhem li dak li kellu f'moħħu min ikun fetaħ il-kawża jkun irid jirriżulta mill-att taċ-ċitazzjoni innifsu u mhux minn provi li

jitressqu iżjed ‘il quddiem fil-kawża (**George Cauchi vs Arnold Farrugia et.** - Prim’ Awla - 25 ta’ Settembru 2003).

9. Il-konvenut jeċepixxi li huwa qatt ma ħa ordnijiet la mingħand id-ditta Vairni Services u lanqas mingħand l-atturi imma dejjem ħadhom mingħand binthom, Maria Deguara. F’dan ir-rigward jagħmel referenza għall-ittra uffiċċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 li kien ippreżenta fid-19 t’April 2017 kontra Maria Deguara kif ukoll għall-fatturi preċedenti tiegħu ilkoll indirizzati lil Maria Deguara u mhux lill-l-atturi, u dan sabiex jitħallas għal xogħolu fil-fond in kwistjoni.

10. Bis-saħħa ta’ dik l-ittra huwa talab lil Maria Deguara tħallas is-somma komplessiva ta’ €7,493.63. Mal-ittra uffiċċjali huwa annetta żewġ fatturi minnu maħruġa fil-konfront ta’ “Maria Deguara, 237, St Paul’s Street, Valletta”. Maria Deguara kienet ġiet notifikata b’dik l-ittra uffiċjali iżda ma ħaditx azzjoni f’waqtha. Meta l-konvenut Simon Grech ipproċeda kontra tagħha b’mandat eżekuttiv hija istitwit kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Malta b’talba għall-annullament ta’ dik l-ittra uffiċjali liema talba ġiet miċħuda b’sentenza tal-1 ta’ Frar 2018 konfermata mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) b’sentenza tat-2 ta’ Lulju 2018.

11. Fl-24 ta’ Ottubru 2018 l-atturi, ġenituri ta’ Maria Deguara, istitwew il-kawża odjerna kontra l-konvenut.

12. Ta’ rilevanza massima hija x-xhieda li ta **Ronnie Vassallo, rappreżentant tad-ditta Vairni Services** fejn xhed illi:

> “Marija Deguara Qaltilna li kellha din il-proprjeta’ li ha taghmilha speci ta’ Boutique Hotel zghira l-Belt u konna tkellimna fuq xogħolijiet ta’ dawl u ilma. Issa, kont ikkwotajtilha, fil-binja kienu ghadhom qed isiru xi xoghol t’alterationss fil-bini u ma stajniex nibdew. Kont avzajtha ghax ahna peress li naghmlu l-airconditioning kien qed joqrob is-sajf avzajtha li z-zmien diehel u ahna min-naha taghna mhux ser nlaħqu naghmlu x-xogholijiet li

kwotajna kollha, ghandi l-quotation ta' kif harget ezatti bid-dawl, ilma, b'kollox u kont kellimtha li mhux ser inlahqu u kont 'approwcjat" lil Simon (il-konvenut) biex jiehu x-xoghol...."

13. Mistoqsi sabiex jispjega ma' min kien qed jiddiskutu x-xogħolijiet li d-ditta tiegħu kellha tagħml fil-fond de quo, Ronnie Vassallo kien kategoriku:

> "Dejjem ma' Marija Deguara, dejjem u qatt ma qaltli li l-proprjeta' mhux tagħha. Dejjem li kellha l-gharus taghha Taljan dak iz-zmien kienet issemmi li ghandhom xi haga ohra, x'imkien iehor u li qed jaghmlu l-idejat flimkien u hekk imma li l-kliem kien li hemmhekk taghha."

14. Mistoqsi l-ordnijiet dwar xogħol u x'kellu jsir min kien jagħmilhom ix-xhud irrisponda illi dejjem ma' Marija Deguara ddiskuta. "Le, maghha, fl-ahhar ftit xhur kien gie l-gharus taghha meta bdew joqorbu l-finishings on the way tal-progett jigifieri saru hafna konns ssugerejnilha kemm jiena u kemm Simon biex iggib ingienier ghax lanqas hi stess ma taf xi trid ghax il-hin kollu nibdlu." Semma bħala eżempju illi Maria Deguara l-ewwel irrifjutat is-suġġeriment tiegħu li l-kmamar ikunu mgħammra b'sistema ta' *card readers* u meta mbagħad ix-xogħol avvanza bidlet il-ħsieb u talbet li jsiru. Bil-konsegwenza li xogħol li kien laħaq sar kellu jinqala u jsir mill-ġdid sabiex isiru dawn il-*card readers*, xogħol li kompla tefa' l-proġett lura.

15. F'dawk iċ-ċirkostanzi jispjega:

> "Min-naħa tiegħi ma bqajniex naghmlu x-xoghol ta' dawl u ilma lanqas bdejnieh konna ghax avzajtha peress li ttardja x-xoghol tal-bini ma konniex ser inlahqu u beda jigi 'ddiljat' kollox dirett ma' Simon".

16. Reġa kkonferma illi l-inkarigu dejjem mingħand Marija Deguara ħadu u qatt mingħand l-attur Frans Deguara. Dan kien mill-bidunett sa minn meta ħareġ il-quotation.

17. Ix-xhud eżebixxa fattura numru 0784 datata 6 ta' Awissu 2016 indirizzata lil "Maria Deguara, Valletta guest house”" għall-ammont bilanċjali ta' €6,978.74 wara li saru żewġ pagamenti akkont ta' €6,227.00 u €2,000.00 rispettivament. Jgħid li sallum Maria Deguara ma ħallsitux il-bilanċ lilu dovut u li ma ħax passi legali kontra tagħha sabiex jikkonċentra fuq ix-xogħol tiegħu.

18. In kontro-eżami xhed illi l-attur Frans Deguara tfaċċa fix-xena fl-aħħar meta beda jippressa għall-ħlas tal-bilanċ tax-xogħol li kienu għamlu. “....qabel qatt ma kont iltqajt mieghu, fl-ahhar xahrejn meta bdejt nissikka b'dak il-bilanc ......” Xhed illi ż-żewġ cheques tal-pagamenti li kien irċeva akkont tal-ammont lilu dovut kienet għaddithomlu Maria Deguara, għalkemm ma setax jiftakar min kien it-traent tagħhom.

19. Il-Qorti tosserva f'dan ir-rigward li għalkemm l-istima tax-xogħlijiet maħruġa minn Vairni Services ma kellhiex isem fuqha[4], Ronnie Vassallo spjega li dik il-fattura kien ħariġha wara laqgħa li kellu ma' Maria Deguara u mhux mal-atturi. Sussegwentement il-fattura li ħareġ sabiex id-ditta tiegħu titħallas tax-xogħol li għamlet id-ditta u mhux ta' xogħol li għamel il-konvenut, inħarġet fuq isem Maria Deguara u mhux fuq isem l-atturi.[5]

20. **Il-konvenut Simon Grech** ukoll jinsisti li huwa dejjem ma' Maria Deguara tkellem u qatt ma semmitlu li l-fond mhux tagħha jew li l-post jew in-negozju huwa ta' missierha jew xi ħaddieħor. Jiċħad li qatt semmietlu li kienet qed taġixi għan-nom tal-ġenituri tagħha. Il-konvneut jagħmel referenza wkoll għal xi *reviews* ta' klijenti tal-

[4] Paġna 51 et seq tal-proċess.
[5] Paġna 53 et seq tal-proċess.

Boutique Hotel li jagħmlu referenza għal Maria Deguara u għall-partner tagħha bħala sidien tal-post. Jgħid ukoll li l-ħlasijiet dejjem Maria Deguara għaddiethomlu u kien biss meta sabet diffikulta biex tkompli tħalles li kien deher missierha.

21. **L-attur Frans Deguara** xhed illi huwa flimkien ma' martu huma l-proprjetari tal-fond 237, Triq San Pawl, Valletta. Jgħid li kienu marru l-uffiċju ta' Vairni Services isaqsu għal Ronnie Vassallo, ma sabuhx hemm u ħallew id-dettalji tagħhom. Jgħid li imbagħad Ronnie Vassallo kien iltaqa' fuq il-post ma' bintu Maria Deguara u mhux miegħu peress li l-istat tal-post bit-trabijiet kien ħażin għal saħħtu.

22. Jikkonferma li l-kommunikazzjonijiet ta' Ronnie Vassallo dejjem kienu ma' bintu Maria Deguara. Jgħid li kien Ronnie Vassallo tad-ditta Vairni Services li kien informa lil Maria Deguara li huma ma jistgħux jagħmlu x-xogħol ta' *plumbing* u li kien sabilhom *plumber* li lest jaħdmilhom bl-istess kundizzjonijiet u dan kien il-konvenut Simon Grech. Jgħid li l-kommunikazzjonijiet tal-ħaddiema inkarigati kienet issir ma'bintu u mhux miegħu proprju għaliex f'dak il-perjodu huwa kien indispost u ħalla kollox f'idejha.

23. **L-attriċi Antoinette Deguara** min-naħa tagħha tgħid li l-pagamenti kienet tagħmilhom hi permezz ta' ċekkijiet indirizzati lil Simon Grech u lil Vairni Services.

24. **Maria Deguara** xhedet illi għalkemm huwa minnu li kienet hi li ddiskutiet ix-xogħolijiet ta' *plumbing* fil-fond *de quo* sew ma' Ronnie Vassallo fil-bidu kif ukoll aktar tard mal-konvenut, dan kienet qed tagħmlu f'isem il-ġenituri tagħha sidien tal-post. Issemmi illi l-konvenut kien ried jitħallas parti b'cheques u parti fi flus kontanti. Tgħid illi c-cheqeus u l-flus li kienet għadditlu kienu inħarġu mill-ġenituri tagħha u mhux mingħandha.

Ikkunsidrat;

**Sub-Appalt Allegat mill-Atturi**.

25. Minn qari tan-nota ta' osservazzjonijiet tal-atturi, senjatament paragrafu 8, jidher biċ-ċar illi l-atturi qed jittentaw li jispostaw l-azzjoni tagħhom minn waħda azzjonata minn kommittent kontra sub-appaltatur għal waħda ta' kommittent kontra l-appaltatur. Dan qed jingħad peress li kif rajna supra l-azzjoni attriċi kif temani mill-premessi fir-rikors promotur ġiet arġinata bl-aktar mod ċar bħala azzjoni minn kommittent kontra sub-appaltatur, il-konvenut, inkarigat skond l-istess atturi mhux mill-atturi iżda minn sub-appaltant, id-ditta Vairni Services (ara premessi numri 1 u 3).

26. Mentri fit-8 paragrafu tan-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom jissottomettu illi "Huwa ghalhekk car, ammess u maqbul, li l-konvenut ghamel ix-xogħol ta' ilma, u ftit xogħol ta' dawl, fil-post in kwistjoni, bħala appaltatur, f'relazzjoin diretta mal-kommittent, u ma kienx is-subappaltatur tal-Vairni Services, jew ta' Ronnie Vassallo, li kien beda jagħmel ix-xogħol qablu."

27. Tali sottomissjoni tikkuntrasta b'mod dijametriku mal-premessi prinċipali tal-atturi fir-rikors ġuramentat tagħhom.

28. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tqis illi li kieku l-atturi irnexxielhom jipprovaw sodisfaċentement illi kienu huma li inkarigaw direttament lill-konvenut u mhux kif ippremettew fir-rikors promotur, l-azzjoni tagħhom setgħat possibilment tkun salvabbli għaliex ikun irnexxielhom jippruvaw li hemm relazzjoni ġuridika bejnhom u l-konvenut.

29. In tema tar-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet f'kawża, tali eċċezzjoni hija meqjusa bħala waħda perentorja u mhux dilatorja, u dan peress li jekk tintlaqa' it-trattazzjoni tal-kawża tiġi ħesrem fi tmiemha. L-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet jew uħud minnhom tista' titqajjem f'kull stadju tal-kawża.

30. Fis-sentenza **Kevin Chircop et. vs. Joseph Chircop** mogħtija mill-Prim' Awla fl-20 ta' Frar 2009 ġie puntwalizzat dwar l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet f'kawża illi:

> "…hi l-ligi stess li taghti d-dritt lill-konvenut li jaghti eccezzjonijiet tax-xorta taht ezami f'kull stadju tal-proceduri, anke fi stadju ta' appell, u r-*ratio legis* ghal dan il-provvediment mhux xi koncessjoni lill-konvenut, imma hija l-gharfien tar-realta` guridika illi jekk il-fatti kienu verament eventwalment jissufragaw l-eccezzjoni ulterjuri li l-konvenut ikun talab li jaghti, dan f'kull kaz ikun iwassal ghac-cahda tat-talba ta' l-attur fil-mertu kontra l-konvenut, billi din tinstab li ma tkunx tista' tregi fil-konfront tieghu" ("John Bonnici nomine -vs- Mark Anastasi et nomine", Appell Inferjuri - 21 ta' Mejju, 1997); (sottolinear tal-Qorti)
>
> […]
>
> "Huwa forsi opportun illi qabel ma jigi skrutinat dak il-ftehim, jigi registrat illi "b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem dak l-att jew pluralita` ta' atti konnessi li jimmiraw ghall-produzzjoni ta' effett guridiku fl-ambitu tad-drittijiet bejn zewg soggetti jew aktar" (**"Burmarrad Commercials Ltd -vs- Desmond Mizzi et",** Appell Inferjuri, 28 ta' Frar, 2007). L-ezami ta' din ir-relazzjoni guridika jikkomporta, allura, u *in primis* dak ta' l-accertament u ta' l-identifikazzjoni konkreta tas-soggetti partecipanti fih. Dan hu bil-wisq sintomatiku li jkun hekk gjaladarba r-rapport processwali jippresupponi l-pre-ezistenza tar-rapport negozjali antecedenti li fih il-kontraenti hadu sehem;"

31. Is-sentenza appena ċitata saret ampja referenza għaliha fis-sentenza **Dr Malcolm Falzon noe. vs. Mark Schembri & Sons Ltd** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju 2019 fejn wara li osservat illi fis-sentenza *Chircop vs Chircop* il-Prim' Awla ikkonkludiet illi gialadarba

kien irriżulta li r-rapport ġuridiku ma kienx bejn il-partijiet fil-kawża iżda bejn il-konvenut u soċjeta' tal-atturi imma mhux mal-atturi, allura kellha tiċħad it-talbiet attriċi minħabba nuqqas ta' relazzjoni ġuridika; għaddiet sabiex applikat dak il-prinċipju għall-mertu tal-appell li kellha quddiemha u kkonkludiet li ma kienx hemm relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet dwar it-talba għad-danni u għalhekk laqgħet l-appell fir-rigward tad-danni.

Ikkunsidrat;

32. Għad-deċiżżjoni dwar l-eċċezzjoni li ma hemmx relazzjoni ġuridika bejn il-konvenut u l-atturi kollox iħoll u jorbot dwar min ta l-inkarigu lill-konvenut sabiex jagħmel xogħolijiet li għandhom x'jaqsmu mas-sistema tal-ilma; id-ditta Vairni Services? kif jallegaw l-atturi fit-tielet premessa tagħhom; l-atturi?, kif jallegaw l-atturi fin-nota' ta' sottomissjonijiet tagħhom, jew binthom Maria Deguara kif jallega l-konvenut?

33. Meta l-Qorti tikkunsidra l-provi kollha mressqa mill-partijiet tasal għall-konklużżjoni illi b'mod preponderanti l-provi juru illi l-inkarigu ingħata lill-konvenut direttament minn Maria Deguara u mhux mill-atturi.

34. L-atturi istitwew il-kawża odjerna kontra l-konvenut fuq il-premessa illi kienet id-ditta Vairni Services li inkarigat lill-konvenut Simon Grech u dan fil-forma ta' sub-appalt. Tant dan huwa minnu illi l-unika appalt li l-atturi jsemmu fil-premessi tar-rikors ġuramentat tagħhom huwa dak mogħti lil Vairni Services.

35. Ir-rappreżenant tad-ditta Vairni Services stess, Ronnie Vassallo, xhed b'mod ċar illi huwa fl-ebda mument ma għadda l-appalt tiegħu jew parti minnu lill-konvenut. Jiddikjara Ronnie Vassallo illi dwar ix-xogħol idrawliku huwa informa lil Maria Deguara illi minħabba dewmien fit-tlestija tax-xogħol konness mal-binja id-ditta tiegħu ma kenitx

f'posizzjoni li teżegwixxi x-xogħol tal-ilma u kien għalhekk li qabbad lil Maria Deguara direttament mal-konvenut.

36. Bil-fatt biss illi f'dan l-istadju l-atturi qed jiddikjaraw huma stess li ma kenitx id-ditta Vairni Services li inkarigat lill-konvenut imma huma direttament diġa l-azzjoni attriċi tibda tirrokka.

37. Pero' anke jekk wieħed kellu jikkonsidra l-allegazzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi illi kienu huma li inkarigaw lill-konvenut, tali allegazzjoni ma ġietx ippruvata. Għall-kuntrarju tresqu biżżejjed provi illi almenu fuq bażi ta' probabilita' juru illi l-inkarigu mogħti lill-konvenut la sar mid-ditta Vairni Services kif ġie allegat mill-atturi fir-rikors promotur tagħhom u lanqas mill-atturi direttament kif issa qed jallegaw fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom; iżda l-inkarigu ingħata direttament lill-konvenut minn Maria Deguara f'isimha u mhux f'isem l-atturi. Irriżulta sodisfaċentement ippruvat li hija ippreżentat ruħha mal-konvenut bħala l-persuna li qed tagħti l-inkarigu u mhux li qed tagħtih l-inkarigu f'isem ħaddieħor.

38. Ibda biex, ġie ppruvat illi id-ditta stess Vairni Services ħarġet invoice tax-xogħolijiet tagħha lil Maria Deguara u mhux lill-atturi. Ronnie Vassallo kien kategoriku fix-xhieda tiegħu; mill-bidunett huwa dejjem ikkuntratta ma' Maria Deguara u qatt mal-attur Frans Deguara. Maria Deguara stess iddikjarat fix-xhieda tagħha illi kienet hi li tkellmet sew mal-konvenut kif ukoll ma' Ronnie Vassallo tad-ditta Vairni Services dwar ix-xogħolijiet li kellhom isiru; għalkemm tispjega li dan għamlitu minħabba li missierha kien konvalexxenti minn kondizzjoni medika serja.

39. Għalkemm il-kondizzjoni medika tal-attur fiż-żmien rilevanti ma ġietx ikkontestata; jibqa' l-fatt illi anke jekk saħħet l-attur ma kenitx tippermettilu li jippartecipa, li jgħodd mhux jekk kienx indispost iżda

jekk Maria Deguara meta kkuntrattat mal-konvenut għamlitiex ċara li hija ma kenitx qed titkellem f'isimha iżda f'isem il-ġenituri tagħha.

40. Mill-kumpless tal-provi il-Qorti tqis illi mhux minnu li meta Maria Deguara ikkuntrattat mal-konvenut hija għamlitha ċara li mhux qed taġixxi f'isimha proprju iżda li qed taġixxi f'isem il-ġenituri tagħha. Li kienet hi li qed tikkuntratta f'isimha mal-ħaddiema u mhux f'isem l-atturi jirriżulta ċar ħafna mix-xhieda ta' Ronnie Vassallo li xhed li anke l-fattura tad-ditta tiegħu inħarġet f'isem Maria Deguara.

41. Fil-każ tal-konvenut huwa ħareg żewġ fatturi f'isem Maria Deguara, waħda fl-10 ta' Awissu 2016 għas-somma ta' €810.00 u oħra fit-12 ta' Settembru 2016 għas-somma ta' €6,513.75 u t-tnejn mibgħuta fl-indirizz tal-fond fejn saru x-xogħolijiet mertu tal-kawża. La l-atturi u lanqas Maria Deguara ma ħadu xi azzjoni *a tempo vergine* talli l-fatturi kienu inħarġu fuq isem Maria Deguara. Seba' xhur wara l-aħħar fattura l-konvenut ippreżenta ittra uffiċjali kontra Maria Deguara jitlob kanonizzazzjoni tal-kreditu minnu pretiż bis-saħħa tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12. Anke f'dik l-okkazzjoni Maria Deguara ġiet notifikata u la hi u lanqas l-atturi ma ħadu l-ebda passi talli kienet Maria Deguara fil-mira tat-talbiet tal-konvenut u mhux l-atturi.

42. L-ispjegazzjoni li tat Maria Deguara fix-xhieda tagħha illi meta kienet tkun qed tiddiskuti x-xogħol mal-appaltaturi kien hemm okkażżjonijiet fejn kienet tgħidilhom li qabel tieħu deċiżżjoni riedet tkellem lill-missierha, ma jbiddel xejn mill-fatt li Maria Deguara ippreżentat ruħha mal-konvenut bħala l-persuna li qed tagħtih l-inkarigu. L-atturi ma deheru mkien fil-mument li l-inkarigu kien qed jingħata lill-konvenut u lanqas waqt li l-konvenut kien qed jeżegwixxi x-xogħol lilu mogħti minn Maria Deguara. Il-fatt li l-atturi huma s-sidien tal-fond ma jbiddel xejn mill-posizzjoni legali referibbli għar-relazzjoni ġuridika dwar l-appalt mogħti lill-konvenut.

43. L-istess seħħ fil-konfront ta' Ronniee Vassallo li juri biċ-ċar illi Maria Deguara mhux mal-konvenut biss aġixxiet bħala l-persuna li qed tagħti l-appalt iżda wkoll ma' appaltaturi oħra.

Il-Qorti għalhekk tqis illi l-eċċezzjoni tal-konvenut li ma hemmx relazzjoni ġuridika bejnu u bejn l-atturi hija fondata, bil-konsegwenza illi l-eċċezzjoni qed tiġi akkolta filwaqt li t-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenut qed jiġu miċħuda.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. **Tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut illi ma hemmx relazzjoni ġuridika bejn l-atturi u l-konvenut.

2. **Tiċħad** it-talbiet attriċi.

   **Bl-ispejjeż** kontra l-atturi.

   **Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
15 ta' Diċembru, 2022

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**